# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta’ Lulju 2013 — MB System vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-209/11)** ([1])

***(“Għajnuna mill-Istat — Għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja lill-grupp Biria taħt il-forma ta’parteċipazzjoni siekta minn impriża pubblika — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern — Deċiżjoni meħuda wara l-annullament mill-Qorti Ġenerali tad-deċiżjoni preċedenti dwar l-istess proċedura — Vantaġġ — Kriterju tal-investitur privat — Kunċett ta’ intrapriżi f’diffikultà — Kalkolu tal-komponent tal-għajnuna — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)***

(2013/C 233/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* MB System GmbH & Co. KG (Nordhausen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Brüggen u C. Geiert, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Erlbacher u T. Maxian Rusche, aġenti)

## Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/471/UE tal-14 ta’ Diċembru 2010 dwar għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Ġermanja lill-grupp Biria (C-38/05 (ex NN 52/04) (ĠU 2011, L 195, p. 55).

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *MB System GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

([1]) ĠU C 186, 25.06.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta’ Lulju 2013 — GRE vs UASI — Villiger Söhne (LIBERTE brunes)**

**(Kawża T-78/12)** ([1])

***(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva LIBERTE brunes — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti La LIBERTAD — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)***

(2013/C 233/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH (Kloster Lehnin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: I. Memmler u S. Schulz, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Schneider u D. Walicka, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Villiger Söhne GmbH (Waldshut-Tiengen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. McKenzie u B. Pikolin, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-1 ta’ Diċembru 2011 (Każ R 2109/2010-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Villiger Söhne GmbH u GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH.

## Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *GRE Grand River Enterprises Deutschland GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 109, 14.04.2012.